



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 2/26

Il-Lussemburgu, 15 ta' Jannar 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-77/24 | [Wunner] ¹

Logħob tal-azzard online: bħala regola ġenerali, ġugatur jista' jinvoka d-dritt tal-pajjiż ta' residenza tiegħu sabiex iressaq azzjoni għal responsabbiltà delittwali kontra d-diretturi ta' kumpannija barranija li tipprovdi servizzi mingħajr il-liċenzja meħtieġa

Fil-fatt, id-dannu sostnut mill-ġugatur jitqies li seħħ fil-pajjiż fejn huwa jirrisjedi

Klijent residenti fl-Awstrija tal-kumpannija Maltija li toffri logħob tal-azzard, Titanium Brace Marketing ², illum kumpannija insolventi, fittex liż-żewġ amministraturi ta' din tal-aħħar quddiem il-qorti Awstrijaki sabiex jikseb ir-rimbors tat-telf tiegħu sostnut waqt il-parteċipazzjoni tiegħu f'logħob tal-azzard online ³.

Titanium kellha liċenzja tal-logħob tal-azzard f'Malta, iżda ma kellhiex liċenzja fl-Awstrija. Il-klijent għalhekk sostna li l-kuntratt tal-logħob tal-azzard ⁴ kien null u bla effett. Skont id-dritt Awstrijak, iż-żewġ amministraturi huma responsabbli personalment u *in solidum* minħabba l-fatt li Titanium kienet qiegħda toffri logħob tal-azzard illegali fl-Awstrija.

Iż-żewġ amministraturi kkontestaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti Awstrijaki. Fil-fehma tagħhom, kemm il-post tal-avveniment kawżali kif ukoll il-post tad-dannu jinsabu f'Malta. Id-dritt sostantiv applikabbli ma huwiex id-dritt Awstrijak, iżda d-dritt Malti, li ma jirrikonossix ir-responsabbiltà tal-organi tal-kumpannija lejn il-kredituri tal-kumpannija.

Il-Qorti Suprema Awstrijaka ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domandi f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, skont ir-Regolament Roma II ⁵, **il-liġi applikabbli għal obbligu mhux kuntrattwali li jirriżulta minn fatt dannuż hija, bħala regola ġenerali, dik tal-pajjiż fejn id-dannu jseħħ** ⁶.

Dan ir-regolament japplika għal azzjoni għal responsabbiltà delittwali bħal din inkwistjoni, imressqa kontra d-diretturi ta' kumpannija minħabba ksar tal-projbizzjoni imposta minn leġiżlazzjoni nazzjonali li jiġi propost lill-pubbliku logħob tal-azzard mingħajr liċenzja għal dan l-iskop. Fil-fatt, azzjoni bħal din ma taqax taħt l-esklużjoni prevista għall-obbligi mhux kuntrattwali dedotti mid-dritt tal-kumpanniji ⁷.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' azzjoni għall-kumpens għad-danni minħabba telf sostnut waqt il-parteċipazzjoni f'logħob tal-azzard online offrut minn kumpannija fi Stat Membru fejn din ma jkollhiex il-liċenzja meħtieġa mil-liġi, **id-dannu sostnut minn ġugatur jitqies li jseħħ fl-Istat Membru fejn dan ikollu r-residenza abitwali tiegħu** ⁸ (f'dan il-każ, għalhekk, l-Awstrija, b'mod li, skont ir-regola ġenerali, id-dritt Awstrijak huwa applikabbli).

Madankollu, jekk miċ-ċirkustanzi kollha jirriżulta li l-fatt dannuż ikollu manifestament rabtiet iktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor, ir-Regolament Roma II jippermetti lill-qorti adita tinjora r-regola ġenerali u tapplika d-dritt ta' dan il-pajjiż tal-aħħar.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża

skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq '[Europe by Satellite](#)' ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² Titanium Brace Marketing Limited (iktar 'il quddiem "Titanium").

³ L-offerta ta' logħob tal-azzard ta' Titanium kienet aċċessibbli għas-suq Ewropew kollu.

⁴ Sabiex ikun jista' jilgħab fuq is-sit internet ta' Titanium, il-klijent fetaħ "kont tal-ġugatur". Sabiex jiffinanzjah, għamel trasferiment mill-kont bankarju Awstrijak tiegħu għal kont bankarju miftuħ ma' bank Malti. Dan il-kont bankarju kien kont ta' flus miżmum minn Titanium, miftuħ għall-klijent u distint mill-patrimonju korporattiv ta' Titanium. Waqt il-parteċipazzjoni f'logħba tal-azzard, l-ammont li jkun intlagħab jiġi ddebitat fil-kont tal-ġugatur u, fil-każ ta' rebħ, dan jiġi kkreditat f'dan il-kont tal-ġugatur.

⁵ [Regolament \(KE\) Nru 864/2007](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II).

⁶ Irrispettivament mill-pajjiż fejn iseħħ id-dannu jew il-fatt dannuż u irrispettivament mill-pajjiż jew il-pajjiżi fejn iseħħu l-konsegwenzi indiretti ta' dan il-fatt.

⁷ Din l-esklużjoni ma tkoprix ir-responsabbiltà ta' direttur tal-kumpannija li tirriżulta minn obbligu li jinsab barra mill-ħajja tal-kumpanija.

⁸ Fil-fatt, il-post fejn id-dannu jitwettaq huwa l-post fejn id-dannu allegat jimmanifesta ruħu b'mod konkret. F'dan il-każ, minn naħa, il-fatt dannuż allegat kien jikkonsisti fi ksur tal-interessi tal-klijent protetti legalment mill-projbizzjoni applikabbli fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu li jiġi propost lill-pubbliku parteċipazzjoni f'logħob tal-azzard online mingħajr liċenzja għal dan l-iskop. Min-naħa l-oħra, id-dannu allegat mill-klijent immanifesta ruħu b'mod konkret meta huwa pparteċipa, mill-Awstrija, f'logħob tal-azzard online offrut bi ksur ta' projbizzjoni applikabbli hemmhekk. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li d-dannu seħħ fl-Awstrija. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura stess tal-logħob tal-azzard online, li ma jistax jiġi llokalizzat faċilment f'post materjali preċiż, għandu jiġi kkunsidrat li dan il-logħob ikun sar fil-post tar-residenza abitwali tal-ġugatur.